**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 t'April 2017**

**Talba Nru: 23/17 CZ**

**Antonia Ellul u Emanuel Ellul**

**vs**

**Connie Susan Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fit-13 ta' Jannar 2017 li permezz taghha talbu l-hlas tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi f'Ottubru tas-sena 2012 l-atturi silfu s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) *brevi manu* lill-konvenuta Connie Susan Muscat b'dana illi l-istess konvenuta obbligat ruhha li trodd lura dina s-somma fi zmien tliet (3) xhur mid-data tas-self.

Illi minkjejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi sbiex tirritorna s-somma surriferita, hija baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti talbu lil dan it-Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara li l-intimata naqset milli tonora l-obligazzjoni taghha li trodd lura s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) lill-atturi;
2. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas l-istess somma lill-atturi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimata.

Illi b'risposta mressqa fl-1 ta' Frar 2017, il-konvenuta wiegbet permezz tas-segwenti:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenuta bl-ispejjez kontra l-atturi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li silfu lill-konvenuta, bint l-attrici, is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) b'self *brevi manu*. Il-konvenuta, min-naha taghha wiegbet illi t-talba ta' l-atturi hija infondata.

Illi l-partijiet xehdu t-tlieta li huma bl-affidavit, u sar ukoll kontro-ezami:

L-attrici Antonia Ellul xehdet illi f'Ottubru 2012 kienet silfet lil bintha s-somma ta' elfejn Euro (€2,000) biex tixtri pick-up truck. Kienet silfithomlha bil-kundizzjoni illi l-flus il-konvenuta troddhom lura malli tbiegh il-karozza taghha. Fil-fatt xi xhur wara l-konvenuta kienet gharrfet lill-attrici illi l-karozza bighhitha u ghalhekk l-attrici talbitha l-flus lura. Ta' l-ewwel gharrfitha izda illi kellha xi hsarat fil-pick up truck u kellha bzonn iz-zmien, u ghalhekk ommha tatha aktar zmien. Eventwalment il-bint baqghet tghid lil omm li ha troddilha l-flus izda baqghet ma raddithomx, daqqa ghal raguni u daqqa ghal ohra. Matul is-snin, il-kovenuta kienet tibqa' twieghed lill-attrici li se troddilha l-flus lura.

Illi in kontro-ezami, l-attrici qalet li s-sena li fiha sar dan is-self in kwistjoni kienet madwar tlieta jew erba' snin ilu pero` s-sena preciza ma tiftakariex. Mistoqsija ghalfejn

dan is-self partikolari m`ghamlitux bil-miktub qalet illi hi lil bintha ma dehrilhiex li ghandha ghalfejn taghmlilha kitba. Bintha qaltilha wkoll illi kif tbiegh il-karozza l-bajda li kellha kienet ha taghtiha elf ewro (€1000) cash. Fil-fatt ma tatha xejn. Imbaghad kellha xi tghid ma' Joseph Berry, bieghet it-trakk [pick-up] u qaltilha li kif tbiegh it-trakk ittiha l-elfejn ewro (€2,000). L-attrici qalet illi kienet taf illi kienet irceviet il-flus ghall-bejgh tat-trakk minhabba li kienet cemplitilha u qaltilha li kienet bieghhitu. Qalet illi hi kienet qaltilha biex iggibilha l-flus pero` ma gabithomx. Minn mindu tatha l-flus ghaddew bejn wiehed u iehor xi erba' xhur hamsa sakemm bieghet il-karozza l-bajda. It-tow truck tghid illi bighitu bil-mod li gej. Nghid illi t-tifla ilha ma' Jesmond Camilleri xi sentejn u nofs. It-tow truck kienet bieghitu xi xahar xahrejn wara li ltaqghat ma' Jesmond Camilleri.

Illi b'referenza ghar-raba' paragrafu ta' l-affidavit taghha l-attrici pprecizat li t-trakk kien proprjeta' bejn it-tifla u Berry. Id-dar min-naha l-ohra kienet proprjeta' taghha u tar-ragel. B`referenza ghar-raba' paragrafu fejn l-attrici indikat illi t-tifla kienet qalet li ddepozitat sittin elf ewro (€60,000) gewwa kont bankarju kongunt mal-partner gdid taghha Jesmond Camilleri, xtaqet tippreciza li dan il-kont kongunt kien mhux mal-partner gdid taghha Jesmond Camilleri imma mal-partner ta` qabel Joseph Berry. Qalet illi meta t-tifla kienet bieghet it-trakk kienet f`relazzjoni ma' Jesmond Camilleri. Qalet illi dak li taf dwar id-depozitu tat-tifla ma' Joseph Berry huwa skond dak li qaltilha t-tifla b`konferma li d-dar li nbieghet kienet id-dar li kellha t-tifla mar-ragel taghha fiz-zwieg. Ma ftakritx pero' d-data u s-sena ta` meta nbieghet id-dar matrimonjali tat-tifla. Qalet izda li l-konvenut weghditha li meta tbiegh il-post kellha thallasha l-elfejn ewro (€2,000). Qalet illi l-flus mid-dar taf illi t-tifla qeghdithom il-bank izda ma tafx precizament f`liema kont u jekk kienx kongunt. Hi kienet titlob dawn il-flus lura lil bintha wicc'imb wicc. Ikkonfermat li hi u t-tifla ilhom ma nitkellmu minn Lulju tal-elfejn u sittax (2016). Fl-ittra li kitbet lit-tifla, l-attrici tghid li ma bdietx bit-talba ghal flus ghax dak il-hin ma gitiex f`moħħha.

L-attur Emanuel Ellul ikkonferma dak li qalet l-attrici u qal li ntebah bil-ftehim ta' bejn martu u l-konvenuta meta skopra li l-flus li kien hemm imgemma' ma kinux ghadhom hemm.

In kontro-ezami Emanuel Ellul qal illi huwa skopra li naqsu dawn l-elfejn ewro (€2,000) mid-dar peress illi kien fi hsiebu jixtri gugarell lin-neputija u meta mar biex ifittex il-flus ma sabhomx u meta staqsa lill-mara fejn qeghdin, il-mara qaltlu li kienet silfithom lit-tifla.

Il-konvenuta cahdet li l-atturi silfuha xi flus, u wiegbet ukoll ghal kull allegazzjoni li ghamlet l-attrici fl-affidavit taghha.  Qalet ukoll illi ma baqghetx titkellem m'ommha minn meta l-attrici kienet siefret Sqallija u lil ommha kienet tatha souvenir imkisser, u ghal dan ommha kienet hadet ghaliha.  In subizzjoni[1], qalet li xahar, xahrejn qabel, ommha kienet cemplitilha biex thallasha lura.  Qaltilha biex taghtiha lura l-elfejn Euro, u l-konvenuta qaltilha li qatt ma kienet issellfet flus minghandha.  Tajjeb li wiehed jinnota izda illi fl-affidavit taghha, il-konvenuta cahdet illi ommha qatt semmitilha jew talbitha biex tghaddilha flus li silfitha.

Illi in kontro-ezami il-konvenuta xehdet illi ommha talbitha dawn l-elfejn ewro (€2,000) skont hi l-ewwel darba lejn Jannar ta' din is-sena. F'dawn l-ahhar hames snin qatt ma kienet qaltilha xejn dwar dawn il-flus.  Ikkonfermat ukoll illi wara l-Milied tal-elfejn u sittax (2016) izda qabel ma rceviet il-kawza odjerna, taf illi ommha kienet cemplet lil Jesmond Camilleri u dak li ntqal f`dik it-telefonata ma tafx x'kien. Saret taf x'intqal f`dik it-telefonata mbaghad minn dak li qalilha Jesmond.  Ziedet tghid illi hija qatt ma ssellfet. Wara li saret taf b`din it-talba hi lil ommha ma cemplitilhiex ghaliex dak iz-zmien ma kinux qed jitkellmu.  Precizat anzi illi hi u l-atturi ilhom ma jitkellmux minn Settembru, Ottubru tal-elfejn u sittax (2016).  Qalet illi hi ma kellmitx lil ommha dwar dawn l-elfejn

[1] Fol. 19

ewro (€2,000) biex lil ommha ma tinkwetahiex. Wara din it-talba partikolari ghazlet illi zzomm id-distanza taghha minhabba r-rispett lejn ommha.

Illi xehed ukoll Jesmond Camilleri illi qal li ma kellu x'jaqsam ma' l-ebda depozitu kongunt mal-konvenuta, a kuntrarju ta' dak li qalet l-attrici.

Illi t-Tribunal jidhirlu li din il-kawza prattikament tistrieh biss fuq il-kredibilita' tal-partijiet, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

> In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.
>
> b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;
>
> c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi ghalhekk dan huwa kaz car ta' kredibilita' iktar minn ta' kwalsiasi haga ohra. In kontro-ezami l-attrici wriet li ftit mill-fatti li rrakkuntat fl-affidavit taghha kellhom xi dettalji neqsin jew zbaljati, izda waqt il-kontro-ezami dawn iccarathom. Fost ohrajn hareg car illi:

1. Il-konvenuta kienet bighhet id-dar taz-zwieg u dahhlet rikavat ta' 60,000 Euro li minnu tnaqqqas ammont peress li kien hemm djun ma' terzi.
2. Il-konvenuta kellha karozza bajda li bighhitha. Fil-frattemp, qabel ma bighhet il-karozza l-bajda, kienet xtrat pick-up.
3. Filwaqt li l-pick up inxtara meta l-konvenuta kienet f'relazzjoni ma' Joseph Berry, dan inbiegh ftit zmien wara, meta kienet f'relazzjoni ma' Jesmond Camilleri, li xehed.
4. Illi qabel inxtara l-pick-up, l-attrici kienet silfet lill-konvenuta s-somma ta' elfejn ewro (€2,000). Dwar dan hemm l-ikbar kontestazzjoni – ghaliex il-konvenuta tichad bil-qawwa li ommha silfitha xi haga.

Illi t-Tribunal huwa pero' propens jaccetta iktar il-verzjoni ta' l-atturi milli dik tal-konvenuta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi waqt li fl-affidavit taghha, il-konvenuta qalet li ommha ma kinitx avvicinatha sabiex titlobha l-elfejn ewro (€2,000), meta xehdet viva voce qalet illi omma kienet talbithomlha lejn Jannar ta' din is-sena.

Illi wkoll, lejn il-Milied li ghada, l-attrici kienet cemplet lil Jesmond Camilleri u kienet qaltlu bis-sitwazzjoni. Il-konvenuta, la f'dan l-incident u lanqas f'dak ta' Jannar appena msemmi ma kellmet lill-attrici biex tipprotesta ruhha ghall-fatt illi l-attrici kienet qed tghid li ghandha tiehu elfejn ewro (€2,000).

Illi l-konvenuta qalet ukoll illi ma kellmitx lil ommha dwar dawn l-elfejn ewro (€2,000) biex ma tinkwetahiex, haga li wkoll hija inverosimili kunsidrat l-istat li fih kienet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet wara l-incident hekk imsejjah 'tas-souvenir' fis-sajf ta' l-2016. Iktar minn hekk, qalet li ghazlet li ma tindirizzax din il-kwistjoni m'ommha minhabba r-rispett lejn ommha, haga din li ghat-Tribunal difficli titwemmen.

Illi min-naha l-ohra, meta t-Tribunal kellu l-okkazjoni jisma' lill-attrici tixhed viva voce, anke jekk in kontro-ezami, seta' jikkonstata illi l-fatti u d-dettalji specifici tafhom verament. Dak li ma tfiehemx sewwa bil-kitba, permezz ta' l-affidavit, inftiehem b'mod mill-aktar car meta l-attrici xehdet bil-fomm.

Illi dwar l-argument ta' l-ittra, u l-fatt li dawn il-flus ma ssemmewx fl-ittra, ghandu jinghad illi t-Tribunal qed jifhem illi din l-ittra nkitbet fl-animu li kienet bih l-attrici meta bintha tatha souvenir mixquq (iktar u iktar meta l-konvenuta kienet taf li kien hekk). L-

attrici riedet tiffoka fuq dan l-episodju f'din l-ittra, u kien ghalhekk li kitbitha, apparti li ghamlet addebiti ohra fil-konfront tal-konvenuta, li ghat-Tribunal m'huma ta' l-ebda rilevanza. Fuq kollox, l-attrici stqarret li din is-somma kienet ilha titlobha lill-attrici wicc imb'wicc diversi drabi, u huwa iktar verosimili li mill-omm ghall-bint affarijiet bhal dawn titlobhomlha bil-fomm milli bil-kitba. Il-mezz tal-kitba l-attrici rriservatu ghal, apparentement, l-iktar haga li kienet imwegga' biha dak il-hin.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jichad l-eccezzjonijet tal-konvenuta, jilqa' t-talba ta' l-atturi, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur